MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2004

Numru 839/2004

IL-PULIZIJA
(SPETTUR PATRICK SPITERI
U
SPETTUR ALFRED MALLIA)

VS

MICHAEL AZZOPARDI

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Azzopardi, ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bin Maria Concetta Azzopardi u missier mhux maghruf, imwieled Pieta, Malta fit-3 ta' April, 1982 u li huwa residenti 63, Triq San Lazzru, Bormla u li huwa detentur tal-karta tal-identita' numru 283882 (M);

Talli f'Bormla fit-28 ta' Settembru, 2004 u fil-jiem ta' wara ghall-habta tat-tmienja ta' fil-ghaxija flimkien ma' persuna jew persuni ohra kkommettew serq ta' oggetti antiki fosthom mera indurata, pittura religjuza fuq iz-zejt, arlogg tal-kampnar u par Torok tat-tarag li huma stmati li jiswew aktar minn LM1000 ghad-dannu ta' Vittoria Licari li hija detentrici tal-karta tal-identita numru 330820 (M) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

U talli f'dawn l-ahhar jien u qabel it-3 ta' Ottubru, 2004, f'Malta xjentement flimkien ma' persuna jew persuni ohra laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahallu biex jbieghhom jew imexxuhom.

Wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta' ta' Antonia u Lorenza Vella;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tal-14 ta' Ottubru, 2004;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat issib lill-istess Michael Azzopardi hati tal-akkuzi kif dedotti u tikkundannah ghall-perjodu ta' prigunerija ta' sena sospizi ghal tlett (3) snin, u tordna li f'dan l-istess perjodu ta' tlett snin l-imputat jitqieghed taht ordni ta' probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna wkoll li l-imputat mill-aktar fis jattendi ghal program ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga bhala parti mill-istess ordni ta' Probation ai termini tal-

Artikolu 7 (5) tal-Kapitolu 446, b'dan illi l-imputat irid joqghod ghall-istruzzjonijiet moghtija mill-Ufficcjal tal-probation tieghu u mill-Agenzija ma' min ser ikun qed jattendi ghall-imsemmi program.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------